# PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

# IMHALLEF

# ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A., LL.D., A R HIST S

## Seduta tat-Tnejn, 28 ta' Mejju, 2001

**Numru: 12**

**Citazzjoni Numru: 229/95 JF**

**Joseph Aquilina ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Associated Supplies Limited.**

**vs**

1. **David L. Jones ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited.**

**2. Alfred Pollacco ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' Valfracht Maritime Company Limited.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni tal-attur nomine li biha premessi d-dikjarazzjonijiet necessarji u moghtija l-provvedimenti opportuni.

Premess illi s-socjeta' Corinthia Group of Companies importat, mill-Ingilterra, l-oggetti elenkati fil-polza ta' kariku annessa (Dokument 'A'), liema oggetti kellhom jaslu Malta fuq il-vapur Akademik Stechkin.

U premess illi s-socjetajiet konvenuti kienu obbligati illi jinformaw lis-socjeta' attrici, bhala n-'Notify Party', bil-wasla tal-imsemmi vapur f'Malta.

U premess illi s-socjeta' attrici ma gietx infurmata mis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, illi l-imsemmi vapur wasal Malta u l-oggetti destinati ghas-socjeta' attrici gew skarikati fil-port fl-14 ta' Lulju 1994, kif jirrizulta mid-Dokument 'B' anness.

U premess illi, b'kagun ta' din l-inadempjenza u negligenza kbira tas-socjetajiet konvenuti, jew ta' min minnhom, is-socjeta' attrici sofriet danni ingenti, konsistenti fi hlas ta' renta u spejjez ta' trasport fuq l-istess oggetti, billi dawn gew mqieghda f'Depost tal-Gvern sakemm gew effettivament rilaxxjati f'idejn l-attur nomine fis-17 ta' Awissu 1994, u fi spejjez ohra.

U premess illi, nonostante interpellati sabiex jersqu ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni sofferti mis-socjeta' attrici, il-konvenuti nomine baqghu inadempjenti minghajr ebda raguni valida fil-ligi.

Talbu lil dina l-Qorti ghar-ragunijiet premessi u prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna:

1. Tiddikjara illi bl-inadempjenza u negligenza kbira tal-konvenuti nomine, jew ta' min minnhom, is-socjeta' attrici sofriet danni ingenti, konsistenti fi hlas ta' renta u spejjez ta' trasport fuq l-oggetti mqieghda f'Depost tal-Gvern, u fi spejjez ohra;

2. Tillikwida dawn id-danni sofferti mill-attur nomine fis-somma ta' elf tliet mija u dsatax-il lira Maltin u tlieta u hamsin centezmu (Lm1,319.53) jew f'somma ohra verjuri illi tigi llikwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi;

3. Tikkundanna lill-konvenuti, jew lil min minnhom, sabiex ihallsu lill-attur nomine dik is-somma hekk likwidata.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-13 ta' Ottubru 1994, u bl-imghaxijiet legali b'effett mid-data tan-notifika tal-proceduri odjerni sal-pagament effettiv, kontra l-konvenuti nomine.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Alfred Pollacco noe fejn eccepixxa bir-rispett:

1. Illi hu mhux Direttur u m'ghandux ir-rapprezentanza guridika tas-socjeta' konvenuta Valfracht Maritime Company Limited. Konsegwentement in-notifika ta' din is-socjeta' bic-citazzjoni hija nulla u bla effett.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, ladarba il-"Bill of Lading" originali kien gie prezentat mill-Corinthia Group of Companies bhala l-konsenjatarja u s-sid tal-oggetti ta' merkanzija, de quo, l-attur m'ghandux interess guridiku u locus standi in judicio.

3. Illi f'kull kaz il-"Bill of Lading" fil-"face" tieghu jghid testwalment: *"It is agreed that no responsibility shall attach to the carrier or his agents*

*for failure to notify the consignee of the arrival of the goods.”* Ghalhekk qatt ma jista’ jkun hemm ir-responsabilta’ ghad-danni pretiza mill-attur noe. F’kull kaz hu dover tal-konsenjatarju li jfittex li jirtira l-merkanzija fl-iqsar zmien u mhux joqghod jistenna avvizi.

4. Illi skond il-klawsola 25 tal-‘Bill of Lading’, meta l-vapur ma jkunx “chartered by demise”, il-“contract of carriage” ikun biss bejn il-konsenjatarju cjoe’ il-Corinthia Group of Companies u l-armaturi tal-vapur Akademik Stechkin, cjoe’ il-Black Sea Shipping Co. tramite l-agenzija tas-socjeta’ konvenuta Valfracht Maritime Co. Ltd. u skond il-klawsola 23 l-agent mhux responsabbli ghal danni simili.

5. F’kaz li jigi ritenut li s-socjeta’ konvenuta ghandha titqies bhala “carrier” hija ezenti mir-responsabilta’ skond il-klawsoli 2 u 3 tal-“Bill of Lading”.

6. Illi bhala fatt, il-Corinthia Group of Companies kienet, bhala l-konsenjatarja tal-oggetti skond il-“Bill of Lading”, giet informata bil-wasla tal-vapur u tal-merkanzija bin-“Notice of Arrival – Freight Note” tal-1 ta’ Lulju 1994. Ghalhekk f’kull kaz qatt ma kien hemm in-negligenza u responsabilita’ allegata u pretiza.

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut David Jones noe fejn eccepixxa bir-rispett:

1. Illi l-azzjoni attrici in kwantu hija intentata kontra s-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited, li kienet biss l-agenti tal-vapur de quo, meta hija ezercitabbli f'Malta l-azzjoni diretta kontra s-socjeta' l-ohra konvenuta, hija nulla, ghax ladarba parti tkun prezenti f'Malta, ma ghandiex titharrek tramite rapprezentant, mandatarju jew agent, imma direttament.

2. Illi subordinatament u fil-mertu, ladarba il-"Bill of Lading" originali kien gie konsenjat mill-konsenjatarju attwali u sid l-oggetti, cjoe' is-socjeta' Corinthia Group of Companies, is-socjeta' attrici ma jidhirx li ghandha l-interess guridiku rikjest mill-ligi u ergo m'ghandhiex locus standi in judicio.

3. Illi subordinatament u bla pregudizzju ghas-suespost, ladarba il-"Bill of Lading" jghid testwalment fuq il-"face" tieghu: *"It is agreed that no responsibility shall attach to the carrier or his agents for failure to notify the consignee of the arrival of the goods"* ma jista' qatt ikun hemm ir-responsabilta' li qed jippretendi li hemm l-attur noe fic-

citazzjoni tieghu. F'kull kaz kif gie dejjem ritenut mill-Qrati Inglizi hu d-dmir tal-konsenjatarju li jfittex biex jirkupra l-merkanzija.

4. Illi f'kull kaz is-socjeta' konvenuta, bhala agenti tal-"carrier", mhux responsabbli ghal danni simili skond il-klawsola 23 tal-"Bill of Lading".

5. Illi l-Corinthia Group of Companies, kienet giet debitament informata bil-wasla tal-vapur u tal-merkanzija bin-"Notice of Arrival – Freight Note" fl-1 ta' Lulju, 1994 (Dok ZZ), mis-socjeta' konvenuta u ghalhekk ma kien hemm qatt in-negligenza li taghti lok ghal xi responsabilta' ghad-danni.

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjonijiet tal-kontendenti, il-listi tax-xhieda taghhom, flimkien mad-dokumenti li gew esebiti;

Semghet lix-xhieda li giet prodotta;

Rat l-atti kollha tal-kawza u senjatament in-nota ta' osservazzjonijiet li gew sottomessi u pprezentati mill-partijiet kontendenti;

Trattata ezawrjentement il-kawza;

Ikkunsidrat li f'dina l-azzjoni ghal rizarciment ta' danni, is-socjeta attrici qeghda titlob li z-zewg socjetajiet konvenuti, jigifieri, Valletta Freight Services Limited u Valfracht Maritime Company Limited jigu ddikjarati responsabbli ghad-danni sofferti minnha, konsistenti fi hlas ta' renta, spejjez ta' trasport fuq oggetti mqeghda fid-Depost tal-Gvern, u spejjez ancillari in konsegwenza, tghid hi , tal-inadempjenza u negligenza tal-konvenuti nomine li naqsu li jinnotifikawha bil-wasla f'Malta tal-vapur illi kien igorr merkanzija destinata lilha. Dawn id-danni gew ikkwantifikati fl-ammont ta' Lm 1,319.53 (elf tliet mija u dsatax-il lira Maltija u tlieta u hamsin centezmu).

Min-naha taghhom il-konvenuti nomine issollevaw sensiela ta' eccezzjonijiet, kemm ta' natura preliminarja u legali, kif ukoll fil-meritu, kollha pero' intizi biex jirripudjaw kwalsiasi responsabbilta' da parti taghhom.

Illi, kwantu ghall-eccezzjoni li Alfred Pollacco ma kellhux xi rapprezentanza guridika tas-socjeta' Valfracht Maritime Company Limited, mill-provi, hekk ara xhieda ta' Lilian Bezzina, Principal fir-Registru tas-Socjetajiet, jirrizulta li fid-data meta saret u giet innotifikata c-citazzjoni, din il-persuna kienet ghadha fil-kariga citata u kwindi t-

tahrika kontriha kienet saret korrettement. F'kull kaz, illum, minn punto di vista ta' procedura, it-tismija ta' isem is-socjeta' huwa sufficjenti ghal fini ta' tehid ta' azzjoni minn jew kontra socjeta' u fil-fatt – ara nota ta' osservazzjoni, a fol. 165 – dina l-eccezzjoni effettivament giet in segwitu rtirata.

Illi hemm imbaghad it-tieni eccezzjoni, dik cjoe' li s-socjeta' attrici m'ghandiex locus standi fil-kawza fil-kawza fin-nuqqas tal-prova dwar li hija giet issurrogata fid-drittijiet tal-kunsinnatarju kif jemani mill-Polza ta' Kariku de quo, li kienet allura l-Corinthia Group of Companies. Illi mill-provi akkwiziti jirrizulta li ghalkemm il-merkanzija kienet ultimament destinata lill-Corinthia Group of Companies, madankollu n-"notify party" fil-fatt kienet l-Associated Supplies Limited. Minbarra dan, mix-xhieda ta' Joseph Aquilina, rapprezentant tas-socjeta' attrici, jirrizulta kjarament, minghajr ma din ix-xhieda giet b'xi mod kontradetta, li l-merkanzija de quo inharget mid-Dwana mis-socjeta' attrici u li inoltre l-ammont ta' flus li kellu jithallas lid-Dwana sabiex jigi effettwat ir-rilaxx taghha sar mis-socjeta' attrici u li dan l-ammont ma thallas qatt mill-kunsinnatarju, u allura jsegwi wkoll li l-flus – jekk tassew kien hemm xi responsabbilta' dwar il-fatti li kellhom jithallsu lid-Dwana – huma proprjament dovuti lis-socjeta' li hargithom. Li kieku l-flus mitlubin mid-Dwana nhargu mill-Corinthia Group of Companies, allura l-eccezzjoni in kwistjoni kienet tregi imma kif zvolgew il-fatti tal-kaz, is-socjeta' attrici setghet tagixxi hi

direttament hi kontra min dehrilha li kien responsabbli ghal dawn il-hlasijiet addizzjonali.  Kwindi, dina l-eccezzjoni qeghda tigi michuda.

Illi inoltre s-socjeta' konvenuta Valletta Freight Services Limited eccepiet li hija ma kellhiex rapport mas-socjeta' attrici ghax dak kollu li gie kkontrattat ma kienx maghha imma se mai mas-socjeta' konvenuta l-ohra, u hija kienet biss l-agent tal-vapur li ttrasporta l-merkanzija in kwistjoni.

Jibda biex jigi osservat, li kwantu ghall-eccepita nullita' procedurali, li kieku kellha tregi dina l-eccezzjoni legali, din mhux necessarjament ghandha twassal ghal dikjarazzjoni ta' nullita', imma li in kwantu citata bhala konvenuta, ikun ifisser li s-socjeta' eccipjenti tkun giet imharrka zbaljatament u allura jkun hemm lok li tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju.  Ghalhekk ikun opportun biex f'dana l-istadju jigi mistharreg jekk il-prezenza tas-sojceta' Valletta Freight Services Limited, flimkien mas-socjeta' l-ohra, Valfracht Maritime Company Limited, kienetx guridikament korretta jew inkella le.

Illi mid-dokumenti prodotti mill-partijiet jirrizulta li z-zewg socjetajiet konvenuti fil-prattika kienu jaghmlu vicendevolment ix-xoghol ta' xulxin b'mod li kien hemm dik li tissejjah  "konfuzjoni legali".  Mhux eskluz, anzi probabilment hekk hu, li in realta', is-socjeta' Valletta Freight Services

Limited kienet hi biss l-agent tal-vapur "Akademik Stechkin", dak jigifieri li kellu jittrasporta u jwassal il-merkanzija lejn Malta, pero' daqstant ma jezimix necessarjament lill-istess kumpanija minn kull responsabilta' ghal ghemil intrapriz min-naha taghha li, skond ma gie sottomess mill-kontroparti, wassal biex huma jinkorru hlasijiet addizzjonali mid-Dwana. Bizzejjed jinghad, kif del resti gie sottomess mis-socjeta' attrici, li filwaqt li fil-polza ta' kariku tissemma s-socjeta' Valfracht Maritime Company Limited, mill-banda l-ohra fid-"delivery note" u mill-gdid fin-"notice of arrival" hemm imnizzel l-isem tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited. Di piu', jirrizulta wkoll li gieli intuzat u ntbaghtet korrispondenza min-naha tas-socjeta' Valletta Freight Services Limited meta skond it-tezi sostnuta minnha din il-parti tax-xoghol ma kienetx tispetta lilha. Mitlub biex jispjega dan, Mario Tellus, xhud tal-konvenuti, jispjega hekk (ara fol. 131)

> *"Jista' jaghti l-kaz ghas-semplici raguni li Valletta Freight Services huma l-agent ta' Valfracht Maritime …."*

Mela minn dan johrog li jekk Valfracht Freigt Services Limited kienet agent tal-vapur jew tal-"carrier", is-socjeta' konvenuta l-ohra agixxiet bhala agenti taghha u konsegwentement ghandha tigi kkunsidrata bhala ko-responsabbli flimkien mas-socjeta' l-ohra, f'dak l-operat fejn jirrizulta li hija hadmet b'dan il-mod, kif jirrizulta li kien il-kaz in ezami.

Illi dwar il-meritu proprju tal-vertenza, jirrizulta li, skond il-polza ta' kariku, il-vapur li fuqu tghabbiet il-merkanzija destinata lill-Corinthia Group of Companies, dan kellu jasal Malta fit-8 ta' Lulju 1994 (ara Bill of Lading, fol. 8). Fil-11 ta' Lulju 1994, imbaghad is-socjeta' Valletta Freight Services Limited baghtet tinforma bil-miktub permezz ta' "Notice of Arrival" li l-merkanzija kienet waslet. Issa skond ma xehed, bla ma giet kontradett, Joseph Aquilina, direttur tas-socjeta' attrici, minkejja li f'din in-"notice" tissemma' l-Corinthia Group of Companies, dana l-avviz fil-fatt gie mibghut lis-socjeta' Associated Supplies Limited, fl-ufficju tas-socjeta'. Il-karti doganali, ghal fini ta' rilaxx, kienu lesti min-naha tas-socjeta' attrici u kompletati fl-14 ta' Lulju 1994. Dan mela kien ifisser li kemm-il darba l-merkanzija kienet tassew waslet Malta fid-data specifikata fil-polza ta' kariku,gja' kienu ghaddew sitt (6) ijiem. Pero' gara li l-merkanzija lanqas f'din id-data ma giet irtirata. L-istess Joseph Aquilina jaghti din l-ispjegazzjoni (fol. 31),

> *"Meta gejna biex nirtiraw il-merkanzija jiena kont cempilt ghand il-Valletta Freight Services biex jaghtuna l-"original delivery order" ghax din tkun il-kopja u jaghtuhielek "against surrender" jew "bill of lading" <u>u dawn qaluli illi l-vapur ma dahalx peress li kien hemm "strike" tal-port</u>" (sottolinear tal-Qorti).*

Il-burdnar Grezzju Vella imqabbad mis-socjeta' attrici u prodott b'xhud taghha, jikkorrobora x-xhieda moghtija qablu minn Aquilina billi jghid li skond il-Valletta Freight Limited u dejjem tramite x-xhud Aquilin (fol. 90),

> *"…. qalli wkoll li l-vapur dahal u hareg ghaliex kien hemm "strike" u qalli biex nghaddi d-dokument halli kif jidhol il-vapur, nikklerjaw immedjatament minhabba li riedu x-xoghol f'idejhom."*
>
> *(sottolinear tal-Qorti).*

Din il-parti tax-xhieda turi li da parti tas-socjeta' attrici ma kien hemm l-ebda hsieb jew "pjan" biex b'xi mod tittawwal bla bzonn l-operazzjoni tar-rilaxx tal-merkanzija. Ix-xhud Joseph Aquilina jghid pero', li huwa kien gie infurmat per via ta' risposta bit-telefon minn xi mpjegati tfajliet, mhux identifikati, li l-vapur fil-fatt ma kienx dahal. Skond dan ix-xhud dik li kellmitu (fol. 31)

> *"kienet sinjorina zgur, ghandi l-ismijiet ta' tliet sinjorini li kienu mpjegati maghhom dak iz-zmien imma ma nafx lil min minnhom kellimt".*

Min-naha l-ohra, Mario Tellus jikkonferma (fol. 130) li l-kumpanija Valletta Freight Services Limited kellha maghha bhala mpjegati fil-"front office" jew bhala "operator"

> *"zewg tfajliet li kienu "front office", anzi tlieta kienu, li llum lanqas ghadhom maghna."*

Imbaghad kompla jixhed li dawn it-tfajliet kienu awtorizzati (fol. 133 tal-process) li jwiegbu ghad-domandi li jsirulhom mill-klijenti u jekk ma jsibux ruhhom f'xi diffikulta dawn ma kellhomx ghalfejn jirreferu lilu d-domandi li jkunu sarulhom b'dan il-mod. Dan mela jfisser li jekk dawn l-impjegati kienu awtorizzati li jitkellmu u jirrispondu huma ghan-nom tal-"employer" taghhom, kull informazzjoni li tinghata b'dan il-mod kienet qeghda wkoll ghan-nom tas-socjeta' li kienet qeghda timpjegahom. U minn dan kwindi jsegwi li f'kaz ta' informazzjoni skorretta, kif jirrizulta li gara f'dan il-kaz, ir-responsabbilta', jew parti minnha ghandha ta' lanqas terfaghha wkoll is-socjeta' li maghha dawn kienu mpjegati.

Illi mill-provi jirrizulta li, bil-maqlub ta' dik l-informazzjoni li giet mghoddija minn dawn l-impjegati lis-Sur Aquilina, il-merkanzija fil-fatt kienet waslet Malta fid-data prevista u ma kien ebda ostakolu biex din tigi rtirata qabel. Il-merkanzija giet mahruga fis-17 ta' Awissu 1994 u dan wara li s-socjeta' attrici talbet l-ammont reklamat mid-Dwana ta' Malta li fil-frattemp lahqet poggiet il-merkanizja fid-Depost taghha a spejjez tar-ricevitur u talbet ghal dan l-ammont ta' Lm 1,319.53 – li thallas b'cekk emess mis-socjeta' attrici – ara dok JA1, a fol. 43 tal-process.

Illi filwaqt li din il-Qorti rriskontrat responsabbilta' da parti taz-zewg socjetajiet konvenuti ghan-nuqqas lampanti kif fuq imsemmi, hija wkoll tal-fehma li l-mod kif agixxiet is-socjeta' attrici, dina giet li kkontribwiet sostanzjalment biex id-danni jikbru, u dan meta d-danneggjat hu fl-obbligu li bhala "bonus paterfamilias" ghandu jaghmel dak kollu li hu fis-setgha tieghu li jara li d-danni ma jikbrux inutilment. Trattandosi ta' kumpanija kummercjali esperta fil-mestier ta' rilaxx u kunsenja ta' merkanzija mportata lokalment, din il-Qorti ma tasalx biex tifhem ghal kollox x'zamm lis-socjeta' attrici milli tikseb konferma permezz ta' komunikazzjoni aktar affidabbli dwar il-wasla o meno tal-vapur in kwistjoni, specjalment meta skond ma xehed il-burdnar hija kienet interessata li tohrog il-merkanzija mal-wasla taghha f'Malta "immedjatament", bir-rizultat li kien ghadda <u>aktar minn xahar</u> mid-data li fiha suppost waslet u nharget din il-merkanzija mid-Dwana. Fi kliem aktar skjett, il-Qorti ma tistghax taccetta kif operatur ta' esperjenza bhalma certament kien is-Sur Joseph Aquilina seta' jserrah mohhu u jibqa' jistenna gimgha wara ohra billi jkellem lil persuna <u>li lanqas jaf min kienet</u> (fol. 31) u lanqas biss jindenja jistaqsiha biex din tidentifika ruhha. Lanqas li seta' jaghmel kien li jew jitlob konferma aktar sikura dwar in-nuqqas ta' wasla tal-vapur jew inkella jmur jara l-affarijiet kif inhuma hu stess jew billi jibghat rapprezentant tieghu fil-port. Li kieku ha tali pass,

id-danni ghal fini ta' magazinagg certament ma kienux jikbru daqstant, anzi kien isib li l-vapur fil-fatt kien dahal u hatt il-merkanzija.

Illi ghalhekk, fil-fehma kunsiderata ta' din il-Qorti, ir-responsabbilta' ghandha tinqasam nofs bin-nofs bejn is-socjeta' attrici fuq naha wahda u z-zewg socjetajiet konvenuti in solidum kwantu ghan-nofs l-iehor. Illi dana jfisser li s-socjeta' attrici ghandha ggorr nofs il-quantum tad-danni, jigifieri Lm 1,319.53 ÷ 2 = Lm 659.72 u l-istess ammont ghandhom jerfghuh il-konvenuti. Billi dana l-ammont gja' thallas kollu mis-socjeta' attrici kif inghad supra, is-socjetajiet konvenuti ghandhom jirrizarcixxu l-ammont dovut minnhom lis-socjeta' attrici, cjoe' nofs dak mitlub bhala sorti.

Ghal dawn ir-ragunijet;

Tiddeciedi billi, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet taz-zewg socjetajiet konvenuti kif proposti, u filwaqt li tiddikjara li r-responsabbilta' ghad-danni kagjonati kienu attribwibbli liz-zewg nahat fi proporzjon ugwali ta' nofs b'nofs, u cjoe 50% bi htija ta' tas-socjeta' attrici u 50% bi htija taz-zewg socjetajiet konvenuti in solidum; u filwaqt li tillikwida d-danni kollha ghall-ammont ta' Lm 1,319.53; tikkundanna ghalhekk liz-zewg socjetajiet konvenuti solidalment li jhallsu lis-socjeta' attrici nos dan l-ammont, jigifieri Lm 659.72 (sitt mija u disgha u hamsin lira Maltija u tnejn u

sebghin centezmu) bl-interessi mid-data tal-prezentata ta' din ic-citazzjoni sal-hlas effettiv. Il-kap ta' l-ispejjez jigi sopportat nofs bin-nofs bejn is-socjeta' attrici u z-zewg socjetajiet konvenuti in solidum bejniethom.

**ONOR. IMHALLEF JOSEPH A. FILLETTI**

Deputat Registratur

md